MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Numru 4/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Frederick Joseph Grech iben Alfred u Carmen nee Żammit imwieled Pieta fit-3 ta' Gunju 1987 u residenti 'Alfcarm' Triq Milend, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' numru 264587M.**

**Il-Qorti ,**

Rat l-uniku kap tal-Att ta' l-Akkuza, kif korrett skond digriet moghti minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 2008, li bih l-Avukat Generali, wara li ppremetta illi :

Nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004), ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu

(04:30am), l-Control Room tal-Pulizija nfurmaw l-ghassa ta’ Hal-Qormi li l-istabiliment bl-isem ta’ Saints Bar, sitwat Mriehel fil-limiti ta’ Hal Qormi, kien qed jaqbad u li f’dak il-mument tal-hruq kien hemm in-nies gewwa li fortunatament ma’ miet jew wegga hadd minnhom.

Illi dakinhar tal-incident stess u fil-granet sussegwenti rriżulta illi żewg persuni kienu gew identifikati bhala dawk li setghu kellhom x’jaqsmu ma’ dan il-hruq u li wiehed minnhom kien l-akkużat Frederick Joseph Grech. Irriżulta illi dakinhar tal-akkadut u cioe’ fit-tmienja (8) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) Frederick Joseph Grech, flimkien ma’ persuna ohra, kienu marru fl-istabiliment ghall-habta tan-nofsiegha ta’ filghodu (0:30am) fejn il-persuna li kienet fil-kumpanija tal-akkużat kellha xi tighid ma’ xi persuni fil-lokal u wara li tkeccew il barra minhabba l-inkwiet li kien inqala', l-akkużat flimkien mal-persuna l-ohra, allontanaw ruhhom minn fuq il-post permezz ta’ vettura appartenenti w misjuqa mill-akkużat, bin-numru ta’ registrazzjoni ABN871 tal-ghamla Fun Cargo. Fil-kors ta’ triqthom, l-akkużat Frederick Joseph Grech u l-persuna l-ohra li kienet mieghu, waqfu ma’ pompa tal-petrol li lemhu fit-triq u l-akkużat flimkien mal-persuna l-ohra battlu landa taż-żibel li kienet fil-vicinanżi w imlewa bil-petrol minn din il-pompa. Wara li ghamlu hekk, Frederick Joseph Grech u l-persuna li kienet mieghu, saqu lura lejn l-istabbiliment Saints Bar u wara li pparkjaw fit-triq ta’ l-istabbiliment in kwistjoni fil-vicinanzi tal-istess, dawn hargu mill-vettura ABN871 bil-landa mimlija petrol, grew lejn il-bieb tal-istabbiliment in kwistjoni, u wara li tefghu l-landa fuq il-bieb tas-Saints Bar, volontarjament taw in-nar lil dan il-bieb permezz ta’ lighter li kien fil-pussess taghhom, bl-intenzjoni li jqabbdu l-istabbiliment kollu, u dan meta’ kienu jafu li gol-istabbiliment kien hemm xi persuni jew li seta’ kien ghad hemm xi persuni gewwa fil-mument tal-hruq. Sussegwentement l-akkużat u l-persuna l-ohra li kienet mieghu harbu jigru l-isfel lejn fejn kienet ipparkjata l-karrozza ABN871, u saqu l-hemm fid-direzzjoni tal-Hamrun. Madankollu, wara li telqu minn fuq il-post din it-tieni darba, l-akkużat flimkien mal-persuna li kienet mieghu regghu saqu lura fit-triq tal-istabbiliment sabiex jaraw x’kien qed jigri fuq il-post u waqt li kien fid-dintorni l-

akkużat gie identifikat minn xi persuni li kienu fil-lokal jew fil-vicinanzi tal-istess bhala wiehed mill-persuni li kien ikkawża dan il-hruq.

Illi fortunatament hadt mill-persuni fl-istabbiliment imqabbad ma' soffrew griehi jew mietu w dan grazzi ghall-intervent tal-membri tal-Protezzjoni Civili wara li l-akkużat flimkien mal-persuna l-ohra li kienet mieghu telqu minn fuq il-post.

Illi b'ghemilhu l-imsemmi Frederick Joseph Grech ma persuna ohra sar hati talli volontarjament ta n-nar lil dar, mahżen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, meta' hemm gew kien hemm persuna fil-waqt tal-hruq, iżda ghalkemm ebda persuna ma tilfet hajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuna.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Frederick Joseph Grech, hati talli volontarjament ta n-nar lil dar, mahżen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, meta' hemm gew kien hemm persuna fil-waqt tal-hruq, iżda ghalkemm ebda persuna ma tilfet hajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuna;

talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn disa' snin u mhux iktar minn tnax il-sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 316(a), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' tkun skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat tat-2 ta' Mejju, 2008, konsistenti f' erba (4) eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju, 2008 li bih il-partijiet qablu li ghandha ssir korrezzjoni fl-Att ta' l-Akkuza billi fit-tieni paragrafu tal-uniku Kap jithassru l-kliem : *"tul ……sehhew".*

Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih il-Qorti ordnat l-istess korrezzjoni in vista ta' dan il-qbil.

Rat il-verbal li bih l-akkuzat ta ruhu b' notifikat b' din il-korrezzjoni u ma insistiex li jerga' jigi notifikat mill-gdid bl-Att ta' l-Akkuza kif korrett.

Rat il-verbal, li bih l-akkuzat ceda w rtira l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tieghu kif ukoll rat in-Nota tieghu prezentata fl-istess seduta fl-istess sens.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-6 ta' Mejju, 2008, li biha ta avviz ta' eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi indikati minn 2 sa 14, stante li l-indikazzjonijiet moghtija huma generici wisq u ma jidhirx ghaliex dawn ix-xhieda ghandhom jigu ammessi.

Semghet it-trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat;

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tat-28 ta' Lulju, 2008.

Rat in-Nota responsiva tal-akkuzat tal-21 t' Awwissu, 2008.

Rat id-Digriet Taghha tal-15 ta' Settembru, 2008, li bih *"ex officio*", wara li rat l-artikolu 438(4) tal-Kodici Kriminali, ordnat li fi zmien tmint ijiem l-akkuzat jindika b' nota l-indirizzi tax-xhieda minn-numru 2 sa 14 tal-lista tax-xhieda tieghu w jindika fil-qosor l-oggett tal-prova li jrid jaghmel b' dawn ix-xhieda w fejn ordnat lill-Avukat Generali li, fi zmien jumejn minn-notifika lilu ta' din in-Nota tal-akkuzat, jiddikjara f' hix tikkonsisti preciz l-oggezzjoni tieghu ghall-ammissibilita' ta' dawn ix-xhieda jew uhud minnhom.

Rat in-Nota tal-akkuzat tat-23 ta' Settembru, 2008, li biha pprovda l-indirizzi tax-xhieda minnu ndikati w li fiha spjega l-oggett tal-prova li jrid jaghmel ma kull xhud.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-24 ta' Settembru, 2008, li biha eccepixxa li:-

x-xhieda numerati (3) (5) (6) (7) (8) (9) (11) u (12) kienu inammissibbli peress li r-ragunijiet ghalihom indikati mill-akkuzat ma jitfghux dawl fuq l-akkadut b' ebda mod u dan minnhabba l-fatt li dawn il-persuni la kienu prezenti fuq il-post meta sehh l-akkadut u lanqas ma jistghu jispjegaw x' seta' wassal ghall-fatti kif indikati fl-att ta' l-akkuza kif migjuba kontra l-akkuzat. Eccepixxa wkoll l-inammissibilita' tax-xhud indikata bin-numru (10), cioe' l-psikologa Denise Borg, peress li din tista' titfa' dawl fuq il-karattru tal-akkuzat li jista' jinfluwenza lil-gurati meta jigu biex jaghtu l-verdett taghhom. Semmai, din ghandha tinstema' biss wara li jinghata l-verdett ghall-fini ta' piena.

Ikkonsidrat;

Illi in vista tac-cessjoni tal-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-akkuzat, dak li fadal jigi decizi hija t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat u dik tal-Avukat Generali dwar l-inammissibilita' ta' uhud mix-xhieda tal-akkuzat.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat hija testwalment is-segwenti :-

*"In-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza …in kwantu mill-espozizzjoni tal-fatti ma jirrizultax li l-allegat reat sar fuq xi wiehed mill-postijiet indikati fl-artikolu 316 tal-imsemmi Kodici."* (Kriminali)

Illi din l-eccezzjoni tidher li hija akkampata fuq l-art.449 (1) (b) u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-istess Artikolu tal-Kodici Kriminali liema paragrafu jitkellem dwar "*meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixx , fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt f'dak l-att."* Issa biex tirmexxi eccezzjoni bhal din jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f' dak l-att jew f' dak il-kap. (Ara. Sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju, 1995 fil-kawza **"Repablika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue"** [Att ta' Akkuza 4/95) konfermata fl-appell fil-15 ta' Frar, 1996, "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Lawrence Gatt et."** [6.12.2002], konfermata

mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-22 ta’ Mejju, 2003 “Ir-Repubbblikata’ Malta vs. Dominic Bonnici” [5.1.2004] u konfermata fl-Appell fil-22 t’April, 2004 u ohrajn.)

F’ dawk is-sentenzi giet citata gurisprudenza kopjuza hafna fejn intqal ukoll li fl-ezami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mall-parti akkuzatorja, l-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif migjuba fl-att tal-akkuza u mhux fuq il-fatti kif jistghu jirrizultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistghu jirrizultaw fil-kors tal-guri.

Illi gie wkoll ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala att t’ akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m’ghandhiex toqghod tidhol u tindaga dwar il-verita’ jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuza, izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta’ formalita’ preskritti mill-ligi gewx osservati.

F’ **“Rex. vs. Strickland”** [21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) gie ritenut li :-

*“Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo quella inglese, la nullita’ dell‘atto d‘accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio,non altrimenti rimediabile nell‘accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna ..... Da altre sentenze stampate risulta che quando si e’ trattato della nullita’ o meno dell’atto d ’accusa, tale atto e’ stato sempre esaminato per se stesso, indipendentemente dal merito e delle prove.”*

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 316 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghar-reat ta' min volontarjament jaghti n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq. Il-proviso ta' dan l-artikolu mbaghad fiz-zewg paragrafi tieghu jipprovdi ghall-piena inqas minn dik ta' ghomor il-habs, applikabbli ghar-reat, jekk ebda persuna ma titlef hajjitha, w skond jekk il-hati jkunx seta' jobsor li f'

dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuna jew xort' ohra.

Ikkonsidrat;

Illi l-argument tad-difiza hu li hawn gie mahruq bieb biss u ghalhekk ma jistax jinghid li nharaq xi wiehed mill-postijiet elenkati fil-ligi. Fin-Nota responsiva tieghu fuq imsemmija, l-akkuzat iccara din l-ecezzjoni fis-sens li din inghatat *"principalment minhabba l-mod kif giet redatta l-parti espozittiva ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu ma sar ebda accenn ghall-fatt li n-nar gie komunikat ma xi wiehed mill-postijiet indikati fl-imsemmi artikolu 316*." Intqal biss li l-akkuzati *"volontarjament taw in-nar lil dan il-bieb permezz ta' lighter li kien fil-pussess taghhom, bl-intenzjoni li jqabbdu l-istabbiliment kollu."* L-akkuzat ikompli jissottometti li *"…peress li f' pajjizna huwa risaput li l-hitan ma humiex maghmula minn materjal kombustibbli, kellu necessarjament jissemma fl-att ta' l-akkuza li n-nar li nghata lill-bieb infirex jew ikkomunika ma xi fond imsemmi fl-artikolu 316 tal-Kodici Kriminali. Dan ma jistax jigi prezunt. Ghalhekk, il-fatti kif esposti fl-att ta' l-akkuza jistghu iwasslu fl-aghar ipotezi ghar-reat attentat u mhux kunsmat."*

Da parti tieghu l-Avukat Generali ssottometta li l-bieb jifforma parti integrali tal-istabiliment u dawn m'ghandhomx jitqiesu b' mod separat u li ghalhekk il-fatti kif esposti fl-att ta' l-akkuza huma dawk li jaghtu lok ghar-reat taht l-artikolu 316 u jindikaw li l-intenzjoni tal-akkuzat kien li jinharaq l-istabiliment intier u mhux semplicement il-bieb tal-istess.

Ikkonsidrat;

Din il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala wahda li tirrazenta l-kolmo tat-tfettieq legalistiku w kwazi tirrazenta l-frivolu. Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza motivata (stante li l-kawza saret bla gurija) : **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Salvatore sive Saviour Bugeja"** [3.12.2004]

*"L-applikar ta' nar b' likwidu nfjammabbli bhal ma hu petrol, mal-bieb ta' barra li qabad …zgur li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat indikat fl-ewwel kap. Meta hu risaput li l-mod prevalenti ta' kostruzzjoni f' dan il-pajjiz huwa l-gebel li ovvjament ma jaqbadx minnu nnifsu, wiehed ma jistax logikament u bil-buon sens jippretendi li l-ligi ghandha tigi interpretata li biex isehh ir-reat in dizamina irid jaqbad il-gebel tad-dar. Bizzejjed li jaqbdu anki ftit jew aktar mill-oggett infjammabbli li flimkien mal-gebel u fixtures ohra jikkomponu dar t' abitazzjoni jew jghammruha, b' mod li joholq l-perikolu potenzjali jew ghall-inkolumita' tal-okkupanti jew ghall-istess proprjeta' biss (fil-kaz tas-subinciz (b)) , biex ikun kunsmat ir-reat. F' dan il-kaz irrizulta li qabad u gie danneggjat il-bieb ta' barra li hu parti integrali mid-dar ghax ma tistax tikkoncepixxi dar minghajr bieb ta' barra…. W dan ghalhekk ma jista' jhalli ebda dubju li dan kien kaz ta' reat ta' incendju doluz."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Li ghalhekk meta fil-parti espozittiva ta' l-att ta' l-akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li l-akkuzat (u iehor) : *"…hargu mill-vettura ABN 871 bil-landa mimlija petrol , grew lejn il-bieb tal-istabiliment in kwistjoni, u wara li tefghu l-landa fuq il-bieb tas-Saints Bar , volontarjament taw in-nar lil dan il-bieb permezz ta' lighter li kien fil-pussess taghhom, bl-intenzjoni li jqabbdu l-istabbiliment kollu, u dan meta kienu jafu li gol-istabiliment kien hemm xi persuni gewwa fil-mument tal-hruq jew li seta' kien ghad hemm xi persuni gewwa fil-mument tal-hruq"*, (sottolinear ta' din il-Qorti) ma kellux ghalfejn izid xejn aktar biex ikun semma l-fatti li jikkostitwixxu ir-reat ta' incendju doluz.

Indubbjament l-istabbiliment Saints Bar kien jaqa' taht l-espressjoni *"hanut" ….jew xi lok iehor"* , li jissemmew kemm fl-ahhar paragrafu tal-parti esposittiva kif ukoll fil-parti akkuzatorja tal-att ta' l-akkuza.

Ovvjament hux ser jirrizulta dan kollu irid jigi deciz mill-gurija w mhux minn din il-Qorti, komposta mill-Imhallef togat wahdu, imma, jekk dawn il-fatti kif fuq esposti jirrizultaw pruvati ghal min irid jiggudika fuq l-fatt, ikun hemm l-elementi kollha tar-reat li bih qed jigi mixli l-

akkuzat u ma kienx hemm ghalfejn jizdiedu xi kliem fis-sens li n-nar infirex ghall-istabbiliment, **<u>ghax il-bieb ta' barra hu parti integrali mill-istabbiliment</u>** u l-parti tieghu li tista' incendjata facilment minn barra t-triq

Konsegwentement din il-Qorti ma tirravviza ebda nullita' kwalsiasi fl-att ta' l-akkuza kif issa emendat u ghalhekk qed tichad l-unika eccezzjoni rimanenti tal-akkuzat.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissibilita' tal-provi minn 2 sa 14 elenkati fin-nota tax-xhieda tal-akkuzat, ghax l-indikazzjonijiet huma generici wisq, din al massimu tista' tinkwadra ruha fil-proviso tas-subartikolu (4) tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, li jiddisponi li kemm il-Qorti "ex officio" kif ukoll l-Avukat Generali jista' jitlob li dak li jkun irid jigi ppruvat bix-xhieda jigi dikjarat.

Ghalkemm it-talba tal-Avukat Generali ma saritx b' rikors kif tiddisponi l-ligi fl-imsemmi proviso, din il-Qorti *"ex officio"* ordnat li jigu indikati kemm l-indirizzi tax-xhieda indikati bin-numri 2 sa 14 fin-Nota tal-Akkuzat (ghax dan ser ikun mehtieg ghal ragunijiet prattici meta jigu biex jissejjhu waqt il-guri), kif ukoll li, in succint, jigi dikjarat l-oggett tal-prova li kull wiehed minn dawn ix-xhieda mistenni li jaghmel jew taghmel.

Wara li dan sar mill-akkuzat, l-Avukat Generali issa llimita l-oggezzjoni tieghu ghax-xhieda indikati bin-numri (3) u (5) sa (12).

Ikkonsidrat;

Illi f' materja ta' inammissibilita' minnhabba rilevanza jithalla dejjem fid-diskrezzjoni tal-Imhallef togat jekk ihallix xhud jiddeponi jew le u dwar x' hix, imma din id-decizjoni tista' tittiehed biss b' mod informat fil-kors tal-guri w mhux qabel generalment, wara li, u partikolarment fil-kaz ta' xhieda in difeza, tkun saret l-arringa tal-Avukat difensur u fiha jkunu gew traccjati il-linji difensjonali tal-akkuzat. F'

dak l-istadju biss il-Qorti tkun fl-ahjar pozizzjoni li tiggudika jekk l-oggett tal-prova dikjarat mid-difiza hux ser ikun wiehed rilevanti ghall-*"facts in issue*" jew le. Ghalhekk din il-Qorti ser tirrizerva li tiddeciedi w tippronunzja ruha dwar ir-rilevanza ta' dawn ix-xhieda, inkluza tal-psikologa Denise Borg, wara li tkun semghet l-arringa tad-difensur u, jekk ikun il-kaz id-depozizzjoni tal-akkuzat jekk dina tinghata fil-kors tal-guri.

Kif appena ghadu kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fil-kawza **"The Republic of Malta vs. Steven John Lewis Marsden"** [23.10.2008] :-

*"…when a plea on the admissability of evidence is raised by either party, the Courts, <u>at his stage</u>, will only examine whether there exist the formal conditions for the reception as evidence of the particular witness, document or deposition and will not go into whether the evidence is relevant or otherwise (see* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Edwin Cioffi"-*** *CCA 27.11.1990) other than where the evidence is so manifestly irrelevant that the Court would be justified in holding that evidence to be* a priori *inadmissable. (see* passim ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Meinrad Calleja"*** *- CCA , 3.5.2000)."*

Ma jidhirx li l-Avukat Generali qed jissolleva xi raguni ohra ghall-inammissibilita' ta' dawn ix-xhieda ghajr dik tar-rilevanza.

Din il-Qorti pero' *marte propria* qed tirravviza minn issa stess diffikulta' li tista' tinqala' fl-istadju tal-guri, jekk l-akkuzat jibqa' jinsisti fuq ix-xhieda ta' Marius Scerri (xhud numru (13) ) li ukoll ghaddej proceduri b' konnessjoni ma dan il-kaz quddiem din il-Qorti, jekk saz-zmien meta jsir il-guri tal-akkuzat, il-process kontra Marius Scerri ma jkunx gie konkjuz definittivament. F' tali eventwalita', peress li Scerri ma jkunx jista' jixhed, jista' jaghti l-kaz li l-guri, ma jkunx jista' jitkompla' w jkollu jigi annullat u xolt.

Dan qed jigi rilevat f' dan l-istadju biex, ghalkemm ix-xhieda tal-komplici jew ko-akkuzat, ma hix inammissibbli

per se, il-partijiet jirregolaw ruhom qabel ma din il-kawza tigi appuntata ghas-smiegh quddiem il-gurija.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjoni preliminari tal-akkuzat stante li dawn gew kollha minnu ceduti w irtirati b' Nota, tichad l-unika eccezzjoni rimanenti w cioe' t-tieni wahda tal-akkuzat u tirrizerva li tiddeciedi fuq l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissibbilita' ta' uhud mix-xhieda tal-akkuzat fi stadju ulterjuri w cioe' fil-kors tal-guri wara li jkunu gew traccjati l-linji difensjonali tal-akkuzat biex din il-Qorti tkun f' pozizzjoni ahjar li tiddelibera dwar ir-rilevanza o meno tax-xhieda jew uhud minnhom.

Il-kawza qed tigi ddifferita *“sine die”,* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta’ xi appell eventwali w, f’kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz, sabiex tigi appuntata ghas-smiegh bil-gurati, skond meta jmissha t-turn taghha skond il-ligi.

Sadattant l-akkuzat ghandu jibqa’ fl-istess stat li jinsab fih sal-lum ghal dak li jirrigwarda l-liberta’ provizorja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------